

TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS  
 SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ  
 DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL  
 GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN  
 EUROOPA ÚHENDUSTE KOHUS  
 ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ  
 COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES  
 COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES  
 CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EORPACH  
 CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE  
 EIROPAS KOPIENU TIESA



3ENDRIJU TEISINGUMO TEISMAS  
 A KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA  
 IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ  
 HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN  
 TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓŁNOT EUROPEJSKICH  
 TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS  
 SÚDNY DVOR EURÓPSKÝCH SPOLOČENSTIEV  
 SODIŠĆE EVROPSKIH SKUPNOSTI  
 EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN  
 EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

## Stampa u Informazzjoni

### Komunikat Stampa Nru 87/06

6 ta' Ottubru 2006

\* \* \*

### TIĠDID PARZJALI TAL-MEMBRI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ U DĦUL FIL-KARIGA TA' MEMBRI ġODDA TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

*Udjenza Solenni tas-6 ta' Ottubru 2006*

B'deċiżjonijiet tas-6 ta' April 2006 u ta' l-20 ta' Settembru 2006, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri ġeddew, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2006 sas-6 ta' Ottubru 2012, il-karigi tas-Sinjuri Mħallfin Peter Jann, Christiaan Timmermans, Konrad Schiemann, Jiří Malenovský, Antonio Tizzano, José Narciso da Cunha Rodrigues, Pranas Kūris, George Arrestis, Anthony Borg Barthet u Egils Levits kif ukoll ta' l-Avukat Ġeneral Paolo Mengozzi.

Bl-istess deċiżjonijiet, ġew innominati bħala mħallfin Pernilla Lindh, li ssostitwit lil Stig von Bahr, Jean-Claude Bonichot, li ssostitwixxa lil Jean-Pierre Puissochet, u Thomas von Danwitz, li ssostitwixxa lil Ninon Colneric, kif ukoll, bħala Avukat Ġeneral, Yves Bot, li ssostitwixxa lil Philippe Léger. Barra minn dan, u b'applikazzjoni tas-sistema ta' rotazzjoni ta' l-Avukati Ġeneral skond l-ordni alfabetiku ta' l-Istati Membri, Verica Trstenjak dħlet fil-kariga minflok Leendert A. Geelhoed u Ján Mazák minflok Christine Stix-Hackl.

Fl-okkażjoni tat-tiġidid parzjali tal-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u sussegwentement għall-ħatra ta' żewġ imħallfin tal-Qorti tal-Prim'Istanza bħala membri tal-Qorti tal-Ġustizzja, Nils Wahl u Miro Prek ġew maħtura mħallfin tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej minflok Pernilla Lindh u Verica Trstenjak rispettivament.

Illum inżammet udjenza solenni fl-okkażjoni ta' tmiem il-kariga u t-tluq ta' l-Avukat Ġeneral Christine Stix-Hackl, is-Sur Imħallef Jean-Pierre Puissochet, l-Avukat Ġeneral Philippe Léger, is-Sinjura Imħallef Ninon Colneric, is-Sur Imħallef Stig Von Bahr u l-Avukat Ġeneral Leendert Geelhoed, kif ukoll tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-membri l-ġodda ta' l-istituzzjoni.

## **Pernilla Lindh**

Imwielda fl-1942; gradwata fil-liġi mill-Università ta' Lund; Imħallef (assessur) fil-Qorti ta' l-Appell ta' Stokkolma; ġurista u Direttur Ġenerali tas-servizz ġuridiku mad-Diviżjoni tal-Kummerċ fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-18 ta' Jannar 1995 sas-6 ta' Ottubru 2006.

## **Yves Bot**

Imwieleed fl-1947; gradwat mill-fakultá tal-liġi ta' Rouen; dottorat fil-liġi (Università ta' Pariġi II Panthéon-Assas); Professur assoċjat mal-fakultà tal-liġi ta' Mans; sostitut u sussegwentement, prim sostitut ma' l-Uffiċċju ta' l-Avukat Ġeneral ta' Mans (1974-1982); Prokurator tar-Repubblika mat-tribunal de grande instance ta' Dieppe (1982-1984); Assistent Prokurator tar-Repubblika mat-tribunal de grande instance ta' Strasbourg (1984-1986); Prokurator tar-Repubblika mat-tribunal de grande instance ta' Bastia (1986-1988); Avukat Ġenerali mal-cour d'appel ta' Caen (1988-1991); Prokurator tar-Repubblika mat-tribunal de grande instance ta' Mans (1991-1993); Konsulent speċjali mal-ministre d'État, garde de Sceaux (1993-1995); Prokurator tar-Repubblika mat-tribunal de grande instance de Nanterre (1995-2002); Prokurator tar-Repubblika mat-tribunal de grande instance ta' Pariġi (2002-2004); Prokurator tar-Repubblika mal-Qorti ta' l-Appell ta' Pariġi (2004-2006).

## **Ján Mazák**

Imwieleed fl-1954; dottorat fil-liġi (Università Pavol Jozef Safarik, Košice, 1978); Professur tad-dritt ċivili (1994) u tad-dritt Komunitarju (2004); Direttur ta' l-Istitut tad-Dritt Komunitarju fil-fakultà tal-liġi ta' Košice (2004); Imħallef fil-Krajský súd (qorti reġjonali) ta' Košice (1980); Viċi President (1982) u President (1990) ta' Mestský súd (qorti tal-belt) ta' Košice; membru ta' l-assoċjazzjoni ta' l-Avukatura Slovakka (1991); konsulent legali mal-Qorti Kostituzzjonal (1993-1998); Viċi Ministru tal-Ġustizzja (1998-2000); President tal-Qorti Kostituzzjonal (2000-2006); membru tal-Kummissjoni ta' Venezja (2004).

## **Jean-Claude Bonichot**

Imwieleed fl-1955; gradwat fil-liġi mill-Università ta' Metz, gradwat ta' l-Institut d'études politiques ta' Pariġi, gradwat mill-École nationale d'administration; Relatur (1982-1985), Kummissarju tal-Gvern (1985-1987 u 1992-1999); Assessur (1999-2000); President tas-sixième sous-section de la section du contentieux (2000-2006) mal-Conseil d'État; référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja (1987-1991); Direttur ta' l-Uffiċċju tal-Ministru tax-Xogħol, ta' l-Impieg u tat-Taħriġ Professjonal, imbagħad ministre d'État, Ministru tas-Servizz Pubbliku u tal-Modernizzazzjoni ta' l-Amministrazzjoni (1991-1992); Kap tad-Delegazzjoni Legali tal-Conseil d'État mal-Caisse nationale d'assurance maladie des travailleurs salariés (2001-2006); Professur assoċjat ma' l-Università ta' Metz (1988-2000), imbagħad ma' l-Università ta' Pariġi I Panthéon-Sorbonne (mill-2000); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet dwar id-dritt amministrattiv, id-dritt Komunitarju u d-Dritt Ewropew tad-drittijiet tal-bniedem; fundatur u President tal-Kumitat Editorjali tal-"Bulletin de jurisprudence de droit de l'urbanisme", kofundatur u membru tal-Kumitat Editorjali tal-"Bulletin juridique des collectivités locales", President tal-Kunsill Xjentifiku ta' l-għaqda ta' riċerka fuq l-istituzzjoni u d-dritt ta' l-iżvilupp ta' l-ibliet u tal-habitats.

## **Thomas von Danwitz**

Imwiedel fl-1962; studji fBonn, Ġinevra u Pariġi; eżami ta' l-Istat fid-dritt (1986 u 1992); dottorat fil-liġi (Università ta' Bonn, 1988); diploma internazzjonali ta' amministrazzjoni pubblica (École nationale d'administration, 1990); awtorizzazzjoni (Università ta' Bonn, 1996); Professur tad-dritt pubbliku Ġermaniż u tad-dritt Ewropew (1996-2003), dekan tal-fakultà tal-liġi ta' l-Università tar-Ruhr, Bochum (2000-2001); Professur tad-dritt pubbliku Ġermaniż u tad-dritt Ewropew (Università ta' Cologne, 2003-2006); Direttur ta' l-Istitut ta' Dritt Pubbliku u Xjenza Amministrattiva (2006); Visiting Professor mal-Fletcher School of Law and Diplomacy (2000), ma' l-Università François Rabelais (Tours, 2001-2006) u ma' l-Università ta' Pariġi I Panthéon-Sorbonne, (2005-2006).

### **Verica Trstenjak**

Imwielda fl-1962; eżami ġudizzjarju (1987); dottorat fil-Liġi mill-Università ta' Ljubljana (1995); Professur tat-Teorija tad-dritt u ta' l-Istat (duttrina) u tad-dritt privat (mill-1996); riċerkatriċi; studji dottorali fl-Università ta' Zurich, fl-istitut tad-dritt komparativ ta' l-Università ta' Vjenna, fl-Istitut Max Planck tad-dritt internazzjonali privat f'Amburgu; fl-Università Ħielsa ta' Amsterdam (Vrije Universiteit ta' Amsterdam); visiting professor fl-Università ta' Vienna, ta' Fribourg (Il-Ġermanja) u fl-iskola tad-dritt Bucerius f'Amburgu; Kap tas-Servizz Ġuridiku (1994-1996) u Segretarju ta' l-Istat fil-Ministeru tax-Xjenza u tat-Teknoloġija (1996-2000); Segretarju Ġenerali tal-Gvern (2000); membru tal-Grupp ta' Studju fuq il-Kodiċi Ċivili Ewropew (Study Group on European Civil Code) mill-2003; responsabbi għall-proġett ta' riċerka Humboldt (Humboldt Stiftung); pubblikazzjoni ta' aktar minn mitt artiklu u diversi kotba fuq id-dritt Ewropew u d-dritt privat; premju ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Avukati Sloveni bħala "Avukat tas-sena 2003"; membru tal-kunsill editorjali ta' diversi rivisti legali; Segretarju Ġenerali ta' l-Assoċjazzjoni tal-ġuristi Sloveni; membru ta' diversi assoċjazzjonijiet ta' ġuristi fosthom il-Gesellschaft für Rechtsvergleichung; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-7 ta' Lulju 2004.

### **Nils Wahl**

Imwiedel fl-1961; gradwat fil-liġi (1987), duttur fil-liġi (Università ta' Stokkolma, 1995); Professur assoċjat, inkarigat mill-Kattedra Jean Monnet tad-dritt Ewropew (1995), Professur tad-Dritt Ewropew (Università ta' Stokkolma, 2001); avukat (1987-1989); Direttur Amministrattiv ta' Fondazzjoni Edukattiva (1993-2004); President ta' l-Assoċjazzjoni Żvediża għall-istudji ta' dritt Komunitarju (2001-2006); membru tar-Rådet för konkurrensfrågor (Kunsill għall-kwistjonijiet ta' kompetizzjoni, 2001-2006); Imħallef tal-Hovrätten över Skåne och Blekinge (Qorti ta' l-Appell, 2005-2006).

### **Miro Prek**

Imwiedel fl-1961; gradwat fil-liġi (1989); ammess fl-Avukatura (1994); diversi xogħolijiet u karigi fl-amministrazzjoni pubblica, prinċipalment fi ħdan l-uffiċċju governattiv responsabbi għal-leġiżlazzjoni (Assistant Segretarju ta' l-Istat u Viċi Direttur, Kap tad-Dipartiment tad-Dritt Ewropew u d-Dritt Komparattiv) u l-uffiċċju għall-affarijiet Ewropej (Sotto Segretarju ta' l-Istat); membru tad-delegazzjoni tan-negożjaturi għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (1994-1996) u għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea (1998-2003), responsabbi mill-kwistjonijiet legali; avukat; responsabbi għal proġetti għall-adattament għal-leġiżlazzjoni Ewropea u għall-integrazzjoni, prinċipalment fil-punent tal-Balkani; Kap ta' diviżjoni fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (2004-2006).

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja*

*Lingwi disponibbli: kollha*

*Għal aktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell*

*Tel: (00352) 4303 3355 Fax: (00352) 4303 2731*

*Filmati ta' l-udjenza solenni huma disponibbli fuq EbS "Europe by Satellite",  
servizz mogħti mill-Kummissjoni Ewropea,*

*Direzzjoni Ġenerali ta' l-Istampu u Komunikazzjoni*

*L-2920 il-Lussemburgu, Tel: (00352) 4301 35177 Fax: (00352) 4301 35249*

*jew B-1049 Brussell, Tel: (0032) 2 2964106 Fax: (0032) 2 2965956*